# MATTIA PRETI *"IL CALABRESE"* 1613-1699

Mattia Preti twieled ġewwa Taverna fil-Kalabrija, fl-1613. Huwa ġej minn familja nobbli u artistika. Hawnhekk wieħed isemmi li ħuħ il-kbir, Gregorio, kien pittur bħalu, li iżda m'għamilx l-isem li għamel Mattia. Il-formazzjoni artistika tal-Preti, jew aħjar kif kien magħruf, *Il Cavaliere Calabrese*, kienet waħda rivoluzzjonarja għall-aħħar. L-era barokka li għex fiha il-Preti, kienet waħda ferm movimentata u influwenzata minn kunflitti reliġjużi, u riformi ekkleżjastiċi kontra riformi ekkleżjastiċi. Ta' min hawnhekk wieħed isemmi li skoperta ta' Galileo Galilei, li ħareġ bit-tejorija li d-dinja ddur max-xemx u mhux kif kien magħruf sa dak lż-żmien, u li minħabba f'hekk kien skomunikat għal erba' sekli sħaħ mill-knisja kattolika.

### *Il-Formazzjoni artistika tal-Preti*

Dan kollu għen mhux ftit fil-formazzjoni artistika ta' Mattia Preti, sabiex isib żblokk ta' żvog mingħajr ċensura mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. L-arti fil-perjodu ta' formazzjoni ta' Mattia Preti, kienet għodda influwenti ta' espressjoni libera u movimentata. Ma' dan wieħed irid iżid l-influwenza qawwija li dan kellu mix-xogħlijiet ta' Caravaggio li miet tlett snin qabel twelidu. Il-mixja artistika tiegħu bdiet minn Napli minn fejn wara perjodu qasir huwa mar Ruma, fejn kompla jipperfezzjona l-istil uniku tiegħu.

L-istil ta' Mattia Preti huwa wieħed evidenti ħafna fi kważi l-bċejjeċ artistiċi tiegħu kollha - dak ta' figuri luminanti fuq sfond skur. Dan huwa l-aktar attribwit għall-influwenza qawwija li kellu minn xogħlijiet artistiċi li huwa ltaqa' magħhom fiż-żmien li huwa għamel ipitter fir-reġjun ta' l-*Emilia Romagna* kif ukoll ġewwa Venezja. Dan l-istil influwenti fix-xogħlijiet tal-Preti ġej minn xogħlijiet oħrajn li huwa kien midħla tagħhom f'dawk il-partijiet ta' l-Italja, fosthom ta' Giovanni Francesco Barbieri (jew aħjar kif kien magħruf, bħala Guercino) u ta' Lanfranco - żewġ artisti bi stima kbira fil-parti ta' fuq ta' l-Italja fiż-żminijiet ta' Mattia Preti.

Huwa beda l-istudji tiegħu f'Ruma fl-1630, u kompla kemm bit-tagħlim kif ukoll b'bosta xogħlijiet oħra fil-perjodu ta' bejn l-1633 u l-1655. L-istudji tiegħu ġewwa Ruma kienu l-aktar bażati fuq xogħlijiet ta' Giovanni Lanfranco, Nicola Poussin u Pietro da Cortona. L-istil emerġenti fil-pittur, dak li l-aktar individwa ruħu minn artisti oħrajn, spikka l-aktar fi żjara ta' bosta xhur li huwa għamel ġewwa Napli fl-1656, hawnhekk huwa żviluppa l-istil rejali figurattiv, stil sinonimu ħafna f'din il-belt Taljana, assoċjata l-aktar f'dawn iż-żminijiet, ma" Luco Giordano, kontemporanju famuż f'din il-belt.

### *Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann*

Fl-1642, wara diversi kuntatti ma' ċirkoli ekkleżjastiċi, ġie maħtur kavallier tal-grazzja mill-Ordni Ospedaliera ta' San Ġwann, jew aħjar kif inhuma

magħrufa l-aktar, il-Kavallieri ta' Malta. Din il-kariga ġdida li sab ruħu fiha, għenet mhux ftit sabiex saħħet il-pożizzjoni tiegħu fi ħdan l-Ordni, u x-xogħlijiet li kienu assoċjati mal-bini ta' belt ġdida bħala sede tagħha. Fil-fatt Mattia Preti qatta' xejn anqas minn 38 sena ġewwa Malta, bejn 1661 u l-1699 fejn miet ġewwa l-belt Valletta. Tul dan iż-żmien kollu l-Ordni ta' San Ġwann ikkommissjonatlu diversi xogħlijiet ta' dimensjoni, kif ukoll kellu ċ-ċans li jkompli jespandi r-repertorju artistiku tiegħu 'il barra minn xtutna.



***Il-Perjodu ta' Preti f'Ruma u Napli***

Fiż-żmien li huwa qatta' ġewwa Ruma, ix-xogħlijiet l-aktar li spikkaw huma l-affreski fil-Bażilika ta' Sant' Andrea della Valle. Dawn jikkonsistu fi tlett episodji mill-ħajja ta' Sant' Andrija; *Sant' Andrija jitpoġġa fuq is-Salib, l-kruċifissjoni ta' Sant' Andrija u d-difna ta' Sant' Andrija.*

Dawn it-tlett affreski saru sabiex jakkumpanjaw it-tnejn li kienu saru preċedentement mill-artist Domenichino, u li juru episodji oħra mill-ħajja ta' Sant' Andrija; *Sant' Andrija jieħu lil ħuħ Pietru għand Ġesu'* u *Ġesu' jżur lis-sajjieda Indri u ħuħ Pietru.*

Barra dan ix-xogħol f'Ruma, xogħol notevoli ieħor li huwa wettaq kien dak f'Napli fil-perjodu ta' l-1656 u wara, sakemm ġie Malta. Xogħol magħruf ħafna kien dak li għamel fil-knisja ta' San Pietru f'Maiella f'Napli. Hawnhekk huwa pitter għaxar biċċiet tila għas-saqaf ta' din il-knisja. Okkażjoni unika għal pittur tal-kalibru ta' Preti, meta tqis li din il-belt kienet dominata għal kollox mill-pittura ta' l-artist lokali Luca Giordano. Xogħlijiet notevoli oħrajn li wettaq Preti qabel bidel ir-residenza tiegħu għal dik f'Malta fl-1661, kienu l-affreski fil-palazz *Doria-Pamphili* ġewwa Valmontone.

***Mattia Preti f'Malta***

Ftit wara l-wasla ta' Mattia Preti f'Malta, waqt laqgħa tal-Gran Kunsill ta' l-Ordni ta' San Ġwann li saret nhar it-30 ta' Settembru 1661, il-Kunsill ikkummissjona l-ewwel biċċa xogħol lilu f'Malta, li kienet tikkonsisti fil-pittura tas-saqaf tal-Knisja konventwali ta' San Ġwann ġewwa l-belt Valletta. Dan

ix-xogħol inbeda immedjatament wara u tlesta f'Diċembru 1666. Ix-xogħol tas-saqaf tal-konkattidral ta' San Ġwann huwa meqjus bħala l-kapolavur ta' Mattia Preti kemm tax-xogħol li huwa għamel ġewwa pajjiżna kif ukoll ta' dak li għamel f'pajjiżu. Hawnhekk wieħed jista' jinnota l-preċiżjoni artistika ta' dan l-artist fl-istil kjaro-skur li huwa sinonimu miegħu.

Ix-xogħlijiet tiegħu f'Malta huma assoċjati ma' l-ordni tal-kavallieri, l-aktar għall-fatt li ħafna mix-xogħlijiet tiegħu f'Malta kienu kummissjonati jew direttament mill-ordni jew inkella minn membri ta' l-ordni għall-kollezzjonijiet privati tagħhom. Għalkemm dan kollu huwa minnu, Preti qatt ma kien assoċjat bħala l-pittur uffiċjali ta' l-ordni. Dan kollu jixhdu l-fatt li rari ħafna kien ikun mitlub li jipproduċi xi awtoritratt kemm ta' xi kavallieri u wisq anqas ta' xi granmastru. Dan jikkonferma t-teżi li għalkemm fi żmienu, x-xogħol tiegħu kien dominanti ħafna ġewwa pajjiżna, dan kien jagħmlu fuq bażi personali aktar milli bħala kavallier ta' l-Ordni. Dan juri wkoll li Preti kien igawdi stima kbira ġewwa pajjiżna kif ukoll barra minn xtutna.

Fis-snin kollha li Preti għex f'Malta dan qatt ma naqas mill-istima li kellu lejn raħal twelidu, tant li bejn l-1681 u l-1689 huwa bagħat xejn anqas minn għaxar biċċiet xogħol lejn Taverna. Wieħed mill-iskopijiet li huwa bagħat dan ix-xogħol kien propju sabiex iwaqqaf gallerija ta' l-arti personali fir-raħal fejn huwa twieled u għex l-ewwel snin ta' ħajtu. Flimkien ma' dawn il-biċċiet ta' arti li huwa bagħat ġewwa Taverna tul il-perjodu li huwa għex Malta, fil-knisja ta' dan l-istess raħal jinsabu xejn anqas minn għaxar biċċiet xogħol oħra. Barra dan ix-xogħol li bagħat lejn Taverna, Mattia Preti bagħat ukoll kwantita kbira ta' xogħlijiet lejn Napli, fosthom madwar 25 biċċa pittura li llum jinsabu fil-Mużew *Capodimonte* ta' din l-istess belt.

### *Xogħol ta' Mattia Preti f'Ħal Luqa*

Dan il-pittur wettaq erba' xogħlijiet għall-knisja ta' Ħal Luqa, iżda sfortunatament, tlieta biss għadhom jeżistu, peress li waħda kienet ġiet trasferita' għal post ieħor u sa llum din il-pittura ħadd ma jaf x'sar minnha. Ix-xogħlijiet tal-Preti f'Ħal Luqa huma l-**Assunta** - 1669, **San Duminku ta' Sariano** - 1678, il-**Missier Etern** - 1678 u l-**Martirju ta' Sant' Andrija** - 1687.

L-aktar xogħol bikri ta' Preti f'Ħal Luqa huwa l-kwadru ta' l-**Assunta** li tlesta fl-1669. Frangipane jsejjaħ dan il-kwadru xogħol *nobbli* u sa llum għadu fil-kappellun tax-xellug tal-knisja tar-raħal. Mariani jidentifika dan il-kwadru ma' l-istess ċiklu ta' xogħlijiet li jinkludu l-kwadri ta' **Sant' Andrija** u il-**Viżitazzjoni tal-Madonna** li jinsabu fil-knisja parrokkjali taż-Żurrieq. Hu jgħid li t-tila toffri ċerta monumentalita' dekorattiva li tidher ukoll fl-opri ta' artisti oħra bħal Coreggio, Lanfranco, Battistello kif ukoll Caracciolo, speċjalment mill-mod kif massa ta' figuri timla' spażju pjuttost ristrett.

F'Ħal Luqa, Mattia Preti pitter ukoll il-kwadru ta' **San Duminku ta' Sariano**, li sfortunatament illum hu mitluf jew għallinqas m'għandniex traċċa tiegħu. Il-kwadru kien pjuttost kbir u kien jillustra d-dehra tal-Madonna flimkien ma' Santa Marija Maddalena u Santa Katerina lil San Duminku, ajk minn Sariano.





*fuq: l-"Assunta" xogħol ta' Preti fl-1669 ; isfel l-"Martirju ta' Sant' Andrija" kwadru titulari fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa, xogħol ta' Preti wkoll, fl-1687.*

Forsi b'kumbinazzjoni, ta' min wieħed jgħid li Preti kien pitter xi xogħlijiet fil-knisja ta' l-istess qaddis ġewwa Ruma. Dan il-kwadru tlesta fl-1678 flimkien ma' l-altar iddedikat lill-istess qaddis.



Fl-istess sena li lesta l-kwadru preċedenti Preti pitter ukoll kwadru żgħir li juri l-**Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu** taħt forma ta' ħamiema. Dan il-kwadru, li llum jinsab imdendel fis-sagristija tal-knisja, jagħti lemħa lil xogħol ieħor tiegħu bl-istess suġġett li qiegħed fil-knisja ta' Santa Barbara f'Taverna. Il-figura tal-Missier Etern tidher li kienet rikorrenti fl-opra tal-Preti u l-kwadru tiegħu f'Ħal Luqa joqrob tajjeb lejn dak deskritt minn de Domenici: "*Il Padre Eterno, che in aspetto terribile alza le braccia per lo gran sdegno contro i peccati del mondo*".

Il-pittura l-oħra li tinsab ġewwa l-knisja ta' Ħal Luqa hija dik tat-titular li tirrappreżenta l-**Martirju ta' Sant' Andrija** u li tinsab fuq l-altar maġġur fil-kor tal-knisja. Din il-pittura hija datata 1687, skond kif jidher mid-data f'riġlejn il-kwadru. Il-fatt li dan il-kwadru hu ddatat hu pjuttost kurjuż għaliex din ma kinitx id-drawwa ta' dan il-pittur. Mariani jissuspetta li din it-tila tpittret bl-assistenza ta' xi artist Malti bħal m'għamel f'xi kwadri oħrajn fil-kappella ta' Sarria. Mariani jsostni li komparattivament dan hu xogħol pjuttost debboli, filwaqt li Frangipane sejjaħlu "eku mbiegħed" ta' xogħol ieħor deskritt aktar 'il fuq li jinsab fil-Bażilika ta' Sant' Andrea della Valle. Il-kwadru jillustra l-martirju ta' Sant' Andrija Appostlu fil-belt Griega ta' Patras. Fuq nett, is-sema jidher miftuħ u jikxef dawl qawwi li jagħmel kuntrast mad-dalma fl-isfond. L-appostlu jokkupa pożizzjoni kważi ċentrali u jidher bħala raġel xiħ, b'wiċċ dinjituż u moskulatura li b'mod estern, tissuġġerixxi saħħa spiritwali daqskemm fiżika. Jassitu 'l appostlu hemm żewġ anġli, wieħed bil-kuruna tal-glorja u l-ieħor bil-palma tal-martirju. Żewġ manigoldi tal-ħakem Eġea jidhru jorbtu riġlejn l-appostlu. Taħt is-salib hemm xi nies iħarsu, aktarx dixxipli tiegħu jew Insara konvertiti tal-post. Il-belt ta' Patras tidher fil-bogħod.

***Alievi ta' Mattia Preti***

Tul il-karriera artistika tiegħu, Preti, għalkemm kien igawdi ċerta stima nobbli minn diversi familji oħrajn nobbli imxerrda ma' l-Ewropa, qatt ma kien

assoċjat bħala pittur tal-klassi l-għolja bħalma huma Caravaggio, Tintoretto u Lanfranco fost l-oħrajn. Biss mill-idejn kif ukoll l-idejat artistiċi tiegħu ħarġu pitturi notevoli, li għal xi żmien kienu alljevi tiegħu, kemm f'Malta kif ukoll ġewwa Ruma. Fost dawn wieħed isemmi lil Raimondo Domenici, Maria Domenici, Antonio Madiona Vicenzio Nunez de Villa, Giuseppe Trombatore kif ukoll Paul Zeiller. Ma' dawn wieħed ma jridx jinsa nurmu kbir ta' Maltin li tħarrġu taħt il-ħarsien tal-pinżell tiegħu. Mattia Preti miet ġewwa l-belt Valletta nhar it-3 ta' Jannar 1699.

***Xogħlijiet ta' Preti f'Malta***

Fost id-diversi xogħlijiet ta' Preti f'Malta wieħed irid isemmi dawn:

- Il-Passjoni ta' Kristu - *Konkattidral ta' San Ġwann*
- San Żakkarija - *Konkattidral ta' San Ġwann*
- San Sebastjan - *Knisja ta' Sarria, Floriana*
- San Pawl ifejjaq lil San Publiju - *Kattidral, Mdina*
- San Luqa Pittur - *Knisja San Franġisk, Valletta*
- San Ġwann Kalzrat - *Konkattidral ta' San Ġwann*
- San Ġakbu - *konkattidral ta' San Ġwann*
- San Franġisk Saverio - *Konkattidral ta' San Ġwann*
- Missier Etern - *Mużew Nazzjonali ta' l-Arti*
- Iċ-Ċaħda ta' San Pietru - *Mużew Nazzjonali ta' l-Arti*
- Il-Magħmudija ta' Kristu - *Mużew Nazzjonali ta' l-Arti*
- Il-Magħmudija ta' Kristu - *Konkattidral ta' San Ġwann*
- San Ġorġ - *Konkattidral ta' San Ġwann*
- Martirju ta' Santa Katerina - *Knisja Parrokkjali, Żurrieq*
- Sant' Andrija - *Knisja Parrokkjali, Żurrieq*

Flimkien ma' din il-lista qasira ta' xogħlijiet ta' dan l-artist jeżistu diversi xogħlijiet oħrajn kemm f'postijiet pubbliċi kif ukoll f'kollezzjonijiet privati. Ir-repertorju ta' dan l-artist jinkludi xejn anqas minn 480 biċċa xogħol ta' l-arti li madwar terz minnhom jinsabu ġewwa gżiritna. L-akbar kollezzjoni ta' pittura ta' dan l-artist f'pajjiżna, tinsab ġewwa l-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti fi Triq Nofsinhar il-belt Valletta. Barra dawn numru konsiderevoli ta' xogħlijiet oħra jinsabu ġewwa Napli, Ruma, Venezja u Taverna fl-Italja, kif ukoll f'partijiet oħra ta' l-Ewropa u ġewwa l-iStati Uniti.

**FRANK PSAILA**

*Riferenzi*

Cassar M, ***Xogħol Mattia Preti f'Ħal Luqa,*** 1993 Għaqda Mużikali Sant' Andrija Programm
Hager J, ***Inside the Vatican,*** 1995
Bonavia CG, ***Maltese participants at Preti convention in Rende***, 1999
Oliveti G, ***Cavalier Calabrese - M. Preti a Malta,*** 1988